MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2014

Appell Civili Numru. 727/2000/1

**Medcomms Limited**

**v.**

**Peter Muscat Scerri**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni li pprezentat is-socjeta` attrici fis-17 ta' April, 2000, u li jaqra hekk:
"Peress illi l-konvenut kien ordna u xtara minghand is-socjeta` attrici, li min-naha taghha kienet debitament bieghet u ikkosenjat lill-istess konvenut, l-apparat tan-navigazzjoni ndikata fil-fatturi tal-istess socjeta` attrici

numri 10064 tas-6 ta’ Lulju 1999 u 10744 tat-28 ta’ Ottubru 1999 (Doki. “A” u “B”) u dan bil-prezz komplessiv ta’ sitt elef erba’ mija u tmenin liri maltin u ghaxar centezmi (Lm6,480.10).

“Peress illi l-apparat tan-navigazzjoni in kwistjoni fuq riferit kien gie debitament installat mis-socjeta` attrici abbord il-*motor yacht* tal-konvenut li jgib l-isem “ONIR”, u dan skont kif kien gie pattwit bejn il-kontendenti.

“Peress illi l-konvenut hallas biss lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tliet elef tmien mija u sebgha u tletin liri Maltin u hamsin centezmi (Lm3,837.50) u ghalhekk illum ghad ghandu jaghti lill-istess socjeta` attrici s-somma bilancjali ta’ elfejn sitt mija tnejn u erbghin Liri Maltin u sittin centezmu (Lm2,642.60) skont l-anness prospett (Dok “C”), bl-imghaxijiet legali mid-dati tal-fatturi relattivi sal-hlas effettiv.

“Peress illi *nonostante* illi l-konvenut kien gie interpellat mis-socjeta` attrici diversi drabi, anke ufficjalment, sabiex jaddivjeni ghall-pagament relattiv, huwa baqa’ ghal kollox inadempjenti.

“Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex, ghar-ragunijiet premessi:-

“1. M’ghandux il-konvenut jigi kkundannat minn din il-Qorti sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elfejn sitt mija tnejn u erbghin Liri Maltin u sittin centezmu (Lm2,642.60) bilanc ta’ somma akbar, prezz ta’ diversi merci lilu mibjugha u kkonsenjati, bl-imghaxijiet legali mid-dati tal-fatturi relattivi sal-hlas effettiv.

“Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-Ittra Legali tat-23 ta’ Novembru 1999, kif ukoll tal-ittra ufficjali tal-14 ta’ Frar 2000, kontra l-konvenut li minn issa stess huwa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:

“1. Illi hu ma ghandux jaghti l-ammont mitlub fic-citazzjoni u dan peress illi l-apparat illi akkwista minghand is-socjeta` attrici ma kienx tal-kwalita` patwita.

“2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost l-ammont talvolta dovut lis-socjeta` attrici mhux dak mitlub fic-citazzjoni.”

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li taqra hekk:
“Premess illi l-konvenut kellu istallat fuq il-*motor yacht* "Onir" apparat tar-radar li kien integrat ma’ “Plotter”, “GPS”, “depth sounder” u “auto pilot” liema sistema pero` ma kelliex il-jekk imsejha “ARP System”.

“Premess illi meta kien qieghed izur "boat show" l-Ingilterra ltaqa’ mal-katalogu Dokument “AB” u ddecida illi jakkwista sistema ta' navigazzjoni “FRS 1000C” li kienet tinkorpora fiha l-“ARP System”.

“Premess illi ghal dan il-ghan mar ghand is-socjeta` attrici r-rappresentanta tal-“Furuno” gewwa Malta u wara illi tkellmu ftehmu illi jsir “*part exchange*” fis-sens illi r-radar u l-apparat l-iehor gia` installat tiehdu s-socjeta` attrici bil-prezz ta' sitt mitt lira ta' Malta (Lm600) u l-konvenut ihallas il-bilanc ghall-apparat il-gdid.

“Premess illi wara li s-sistema giet installata l-“ARP” u l-*alarm* tal-"*guard zone*" ma hadmux fis-sens illi kuntrarjament ghal dak illi hemm espost fid-Dokument “AB” ma tawhx ir-rizultat illi ghalih kienu gew mixtrija.

“Premess illi dan gie konstatat mir-rapprezentant tas-socjeta` attrici stess li wara li ghamel xi ndagini mad-ditta Furuno nforma lill-konvenut illi biex l-“ARP System” tiffunzjona kellu jigi istallat kumpass waqt illi biex jiffunzjona l-*alarm guard zone* kif suppost il-konvenut kellu jakkwista *software* addizzjonali.

“Premess illi r-'Radar' mhux qed jiffunzjona ghall-iskop illi hu intiz kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

“Premess illi fid-Dokument “AB” a bazi ta' liema l-konvenut iddecieda illi jakkwista l-apparat u/jew *software* ma hemm

l-ebda ndikazzjoni illi wiehed kellu jakkwista apparat *oltre* dak illi hemm elenkat fl-istess katalogu u fi kwalunkwe kaz is-socjeta` attrici lanqas ma nformat b'dan lill-konvenut.

“Premess illi wkoll bhala rizultat ta' dan l-konvenut sofra danni li ghalihom hi responsabbli s-socjeta` attrici.

“Premess illi jezistu l-elementi kollha *a tenur* tal-**artikolu 1390 tal-Kap 16** fis-sens illi s-sistema ta' navigazzjoni kkunsenjata lill-konvenut ma kenitx skont il-kwalita` miftehma.

“Tghid ghalhekk s-socjeta` attrici il-ghaliex, ghar-ragunijiet premessi m’ghandux minn din il-Qorti jigi deciz:

“1. Illi s-sistema ta' navigazzjoni “FRS - 1000 C” mibjugha konsenjata lill-konvenut ma kenitx skont il-kwalita` mifthema.

“2. Tiddikjara xolt il-kuntratt ta' bejgh tal-istess sistema “FRS -1000C” u tikkundana lis-socjeta` attrici thallas lill-konvenut il-prezz tal-stess kontra l-konsenja da parti tal-konvenut tal-apparat lis-socjeta` attrici.

“3. Tikkundana lis-socjeta` attrici tirripristina a spejjez taghha l-parti tal-*yacht* (il-“Console”) fejn giet installata s-sistema.

“4. Tikkundana lis-socjeta` attrici trodd lura lill-konvenut is-sistema li kellu nstallata originarjament kontra pagament da parti tal-konvenut lilha tas-somma ta' sitt mitt lira ta' Malta (Lm600) u fin-nuqqas thallsu l-prezz tal-istess.

“5. Tiddikjara s-socjeta` attrici responsabbli ghad-danni sofferti mill-konvenut.

“6. Jigu likwidati l-istess danni anki jekk ikun il-kaz per mezz ta' perit nominand; u

“7. Konsegwentement is-socjeta` attrici tigi kkundannata thallas id-danni hekk likwidati lill-konvenut.

“Bl-ispejjez u b'riserva ghal kull azzjoni spettanti lill-konvenut kontra s-socjeta` attrici minn issa ngunta biex tidher ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` attrici rikonvenzjonata ghall-kontro-talba tal-konvenut li in forza taghha eccepiet illi:
“1. Preliminarjament, ma kienx legalment kompetenti ghall-konvenut sabiex jipproponi kontro-talba ghax-xoljiment tal-kuntratt ta' bejgh in kwistjoni, a bazi tal-allegazzjoni tieghu fis-sens illi l-oggett lilu mibjugh ma kienx tal-kwalita` pattwita, u dan *stante* illi huwa kien diga` accetta l-oggett meta dan kien gie lilu kkonsenjat tant illi kien anke hallas parti mill-prezz mal-istallazzjoni tas-sistema abbord il-bastiment tieghu.

“Kien biss fl-1 ta' Gunju 2000, u ghalhekk waqt il-mori tal-kawza u gurnata biss qabel ma huwa ppresenta l-istess kontro-talba tieghu illi kien ipproceda sabiex jiddeposita l-oggett lilu mibjugh u kkonsenjat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti permezz tac-Cedola ta' Depositu Numru 644/00.

“2. Illi fil-meritu u minghajr l-ebda pregjudizzju ghal ‘l fuq eccepit, it-talbiet kollha rikonvenzjonali tal-konvenut huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda minn din l-Onorabbli Qorti bl-ispejjes kollha kontra l-istess konvenut, u dan billi, kif jigi ppruvat ampjament ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, is-sistema ta' navigazzjoni in kwistjoni mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut rikonvenzjonant mis-socjeta` attrici rikonvenzjonata kienet perfettament skont l-ispecifikazzjonijiet indikati mis-socjeta` manifattrici estera, u fir-rigward tal-istess sistema s-socjeta` attrici rikonvenzjonata ma ftehmet fuq l-ebda kwalitajiet ohra mal-konvenut rikonvenzjonat *oltre* dawk indikati fil-fuljett tal-istess socjeta` manifattrici estera (Dokument “AB” esebit mill-istess konvenut).”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta’ Marzu 2010 li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li gej:

"... ... ... dwar l-azzjoni attrici, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, **tichad it-talba attrici** peress li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet moghtija f'din is-sentenza.

"Bl-ispejjez tal-azzjoni attrici kontra s-socjeta' attrici.

"Illi dwar il-**kontro-talba tal-konvenut**, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzonijiet tas-socjeta' attrici ghall-istess kontra-talba, u **fil-waqt li tichad il-hames, is-sitt, u s-seba' talba tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu ghar-ragunijiet hawn decizi, tilqa' l-ewwel erba' talbiet tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu,** fis-sens hawn deciz, b'dan illi:-

"1. Tiddikjara li s-sistema ta' navigazzjoni "FRS - 1000 C" mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut ma kinitx skont il-kwalita` mifthema.

"2. Tiddikjara xolt il-kuntratt ta' bejgh tal-istess sistema "FRS -1000C" u tikkundana lis-socjeta` attrici tirrifondi lill-konvenut il-prezz tal-istess li gie mhallas lilha mill-istess konvenut kontra l-konsenja da parti tal-konvenut tal-apparat lis-socjeta` attrici kif ser jinghad f'din is-sentenza.

"3. Tikkundanna lis-socjeta` attrici tirripristina a spejjez taghha l-parti tal-*yacht* (il-"Console") fejn giet installata s-sistema u dan fi zmien qasir u perentorju ta' 120 gurnata mid-data ta' din is-sentenza u dan ghandu jsir taht id-direzzjoni tal-Perit Tekniku Il-Kaptan Mark Anthony Chapelle, li qed jigi nnominat ghal dan l-iskop a spejjez tal-istess socjeta' attrici, u fin-nuqqas li s-socjeta' attrici taghmel l-istess fi zmien qasir u perentorju hawn prefiss, tawtorizza lill-konvenut sabiex taht is-sorveljanza u d-direzzjoni tal-istess perit tekniku hawn nominat jirripristina l-istess parti tal-*yacht* kif kienet qabel ma giet installata l-istess sistema, kollox a spejjez tas-socjeta' attrici nkluz l-ispejjez ta' tali inkarigu tal-perit tekniku.

"4. Tikkundana lis-socjeta` attrici sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' mija u ghoxrin (120) gurnata trodd lura lill-

konvenut is-sistema li kellu nstallata originarjament kontra pagament da parti tal-konvenut lilha tas-somma ta' elf, tlett mija u seba' u disghin ewro u tnejn u sittin centezmu (€1,397.62) ekwivalenti ghal sitt mitt lira Maltin (Lm600) u fin-nuqqas li dan isir fit-terminu hawn indikat, thallas lill-konvenut il-prezz tal-istess fl-ammont ta' elf, tlett mija u seba' u disghin ewro u tnejn u sittin centezmu (€1,397.62) ekwivalenti ghal sitt mitt lira ta' Maltin (Lm600).

"Bl-ispejjez tal-ewwel erba' talbiet tal-kontro-talba tal-konvenut ghas-socjeta' attrici, b'dan li l-konvenut ghandu jbati l-ispejjez tal-hames, is-sitt, u seba' talba fir-rikonvenzjoni minnu proposta."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi din hija kawza fejn is-socjeta' attrici qed titlob hlas tas-somma ta' Lm2,642.60 bilanc minn ammont akbar rappresentanti prezz ta' apparat ta' navigazzjoni mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut kif indikat minn fatturi datati 6 ta' Lulju 1999 u 28 ta' Ottubru 1999 rispettivament (Dok. "A" u "B). Il-konvenut minn naha tieghu eccepixxa li l-oggett konsenjat mhux tal-kwalita' pattwita, u li fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub fic-citazzjoni attrici ma huwiex dak mitlub; fil-fatt huwa pprezenta kontra-talba sabiex l-istess apparat jigi ddikjarat mhux tal-kwalita' pattwita u konsegwentement jigi xolt l-istess kuntratt ta' bejgh u l-istess socjeta' attrici thallas lura l-parti mill-prezz li thallas lilha mill-konvenut, fil-waqt li l-konvenut jirritorna l-apparat mertu tal-kawza odjerna, u konsegwentement is-socjeta' attrici tigi wkoll ikkundannata sabiex tirripristina l-*yacht* tal-konvenut fl-istat li kien qabel ma giet installata s-sistema mertu tal-kawza odjerna, u tigi kkundannata tirritorna lura s-sistema li huwa kien ta lis-socjeta' attrici, stmata fl-ammont ta' Lm600 jew il-valur tal-istess, u fl-ahharnett tiddikjara lis-socjeta' attrici responsabbli ghad-danni, u tigi kkundannata thallas id-danni hekk likwidati.

"Illi mill-provi prodotti jirrizulta li Ronald Paul Gaglione, in rappresentanza tas-socjeta' attrici jghid li fis-sena 1999, il-konvenut ried jixtri apparat elettroniku *(four in one electronic equipment)* u jpartu ma apparat (radar) li gja'

kellu fil-*yacht* tieghu. Apparti l-FRS-1000C kellu ukoll jigi nstallat apparat iehor, ARP-10. Is-sistema ta' komunikazzjoni satellitari giet installata mill-ewwel u pero` l-apparat l-iehor gie wara. Meta dawn gew installati kien hemm xi problemi minhabba l-fatt li z-zewg sistemi l-godda kellhom bzonn *"heading information"* cioe', kien hemm bzonn ta' apparat addizzjonali. Is-socjeta' attrici tghid li kien sar ftehim fejn il-konvenut accetta li jixtri dan l-apparat addizjonali *"cost price plus duty"* u VAT.

"Illi dan l-apparat addizzjonali, skont is-socjeta' attrici, seta' jintuza ukoll ghal affarijiet ohra bhal *auto-pilot* u kien kompattibli mas-sistema FRS-1000C. Wara l-installazzjoni tal-apparat kien hemm xi problemi li gew solvuti permezz ta' komunikazzjoni mal-manifattur ta' l-apparat izda kien hemm problema li ma setghetx tissolva u din kienet il-problema tal-*guard zones.* Il-problema kienet, skont il-manifattur, li s-sistema ma setghetx tahdem bil-mod kif ried il-konvenut peress li s-*software* ma kienx ghadu zviluppat bizzejjed u dan avolja kien hemm *manual* li jghid mod iehor. Skont is-socjeta' attrici saru diversi *tests* izda l-problema ma kienetx se tissolva u jidher li s-sitwazzjoni baqghet hekk sallum.

"Illi s-socjeta' attrici tghid li kienet ipproponiet li tnehhi r-radar u terga' tinstalla ir-radar antik tal-konvenut izda dan ma riedx peress li l-*console* kien gie modifikat biex l-apparat il-gdid jigi nstallat.

"Illi l-konvenut jikkonferma li huwa ried jixtri FRS-1000C flimkien mal-ARP-10. Huwa jghid li ried jaghmel tpartit mar-radar antik li kellu. Il-konvenut ma riedx jitlef id-data li kellu fil-*plotter* l-antik u ftiehem mas-socjeta' attrici li d-data se tkun trasferita izda dan it-trasferiment ma sarx peress li l-haddiema tas-socjeta' attrici ma setghux jikkomunikaw is-sistema l-antika ma` dik gdida. Il-konvenut jghid li Ronald Paul Gaglione kien gie jispezzjona l-*yacht* qabel ma l-apparat gie installat u qatt ma qallu li kien hemm bzonn li jigi nstallat xi *"heading sensor"*. Izda meta l-apparat gie nstallat, il-fatt li ma kienx hemm *'heading sensor'*, fisser li l-apparat kollu ma kienx jahdem sew.

"Illi l-konvenut jghid li peress li huwa baqa' ma hallasx lis-socjeta' attrici, l-istess socjeta' qatt ma fethet is-sistema u b'hekk ma setax juzaha u xtara apparat iehor minn *supplier* differenti. Dwar il-*guard zone* il-konvenut jghid li skont il-*manual*, l-apparat kellu jimmemorizza s-*settings* differenti izda dan ma kienx isir. Skont il-konvenut, is-socjeta' attrici pproponiet li tinstalla *software gdid* izda bil-hlas. Wara li tkellmu mal-manifattur, is-socjeta' attrici accettat li dan taghmlu bla hlas. Xorta wahda kien hemm difett fil-*guard zone* peress li l-*alarm* kien jixghel biss meta jaghraf l-ewwel *target* u mhux dawk sussegwenti. Is-socjeta' attrici kienet spjegat li kien il-*manual* li kien hazin u mhux l-apparat. Apparti dawn, il-konvenut jilmenta minn diversi difetti ohra, fosthom l-*automatic pilot* u *plotter to radar synchronising.* Il-konvenut jghid ukoll li t-tests li ghamel fil-bahar gew maghmula a spejjez tieghu.

"Illi mir-rapport tal-perit tekniku, li sar wara li sema' lill-partijiet u ghamel it-tests relattivi, jirrizulta li dan ghamel is-segwenti konkluzjonijiet ta' natura teknika  u dan minn fol. 353 sa 355 tal-process fosthom:-

***"5. Conclusions.***

***"5. 1. Account of decifiences".***

*"The author of the report finds that there exist a number of items with regards to the equipment which remain deficient and which could be of major or of substantial concern to any watchkeeper making us of the equipment".*

***"Heading Sensor"***

*"In order for a radar to achieve the status of 'Marine Radar' it must conform with the performance standards as laid down by the IMO Resolution A.477 (XII) and Resolution A.278 (VIII) (Supplement on the standards for navigation radar equipment)".*

*"One of the requirements of the Standards mentioned in the previous paragragh is the ability of a radar to operate*

*in the modes of ‘North up’ and ‘Course up’. Both of the modes mentioned require heading information that may be derived from a heading sensor that derermines the ship’s head from a gyro or a magnetic compass”.*

*“The plaintiff should have been aware of the prior to the installation of the radar. The defendant should have been made aware of the necessity to install a ‘heading sensor’ from the time when the agreement had been made...”*

***“Guard zones”***

*“Guard zones are not a substitute ti keeping a good look out but are made available as an aid to the early detection of other appraoching vessels or vessels in the vicinity. The objective of having a guard zone is that the watch keeper would be altered in ample time, of an intrusion into a zone that has been set by the watchkeeper himself. The zone selected depend on the type of vessel or the speed at which it is moving. The manoeuvrability of the vessel shall be taken into account so that there remains sufficient time to take proper and effective action to avoid collision in accordance with the rules and regulations for the prevention of collisions at sea”.*

*“ A vessel that has observed to be passing clear or at a safe distance might have altered course and such an alteration may have gone by unnoticed by the watchkeeper. New targets may intrude into the guard zone in restricted visibility, these may go unnoticed should the audible alarm not be triggered accordingly. Whilst coasting, it is not infrequent to encounter several craft in a particular area such as areas of high traffic density, fishing vessels over fishing grounds, pleasure crafts close to Marinas etc....”.*

*“The operator’s manuals mentioned the subject in detail. The manuals inform the user that when a target (ships, islands, landmasses, etc) violates the zone, an audible alarm is acticated. Once the alarm has been acknowledged the guard zone is once again reactivated.*

*There exists an element of substantial danger when targets enter a guard zone undetected".*

*"Communications between the plaintiff and manufacturer show that there was difficulty solving this problem. The manufacturers through their Agents should have followed their QA policy and procedures with regards to design of equipment and with regards to customer complaints/satisfaction".*

***"Radar Range"***

*"The defendant is right to claim that the radar range does not exceed 36 nautical has been justified and found to be correct. The defendent upon placing the order settled for the package FRS – 1000C the radar power of which is 6kW giving the radar a maximum of 64 miles. The option with this radar is in the revolutions per minute, which in this case is dominated by 24rpm, this is because the optional plotter ARP-10 does not operate with a 48rpm radar".*

***"Radar and Chart Plotter overlay"***

*"A noted discrepancy was observed to exist between the PPI and the plotter when the radar mode is laid over the chart mode. The discrepancy is significant and can be easily noticed as one is displaced by close to one centimetre from the other".'*

*"The dangers associated with this deficiency are as follows:-*

- *"The watchkeeper could easily become confused because of having to look at two displaced images.*
- *"A target that should be at sea may be lost in the land shown by the plotter.*
- *"Bearings and distances off, as used for fixing the ship's position on a chart may be erroneous if they are taken from the plotter chart instead of from the image generated by the radar. The vessels position may*

*actuallybe in perit whilst on a chart it may appear to be perfectly safe".*

***"Chart plotter".***

*"The defendent claims that the grid over the chart plotter cannot be deactivated. Section 3.26 on page 3.18 of the manual shows the menu for the plotter display attributes".*

*"The menu table shows that the grid may be dimmed through seven stepped stages and finally it may be switched off completely".*

***"Dimming and switching off plotter grid"***

*"Apart from the menu system not functioning properly there remains one danger, namely that a weak target could be concealed in the width of the line of the grid and could go by undetected".*

***"5.2 Summary"***

*"The author notes that the system has a considerable number of relatively serious deficiencies. Some of the deficiencies are inherent to the system and should have been dealt with directly by the manufacturer".*

*"There exist dangers that are associated with the deficiencies of the system. The dangers would be further amplified when any person other then the defendant makes use of the vessel and is unaware of the limitations and restrictions afforded by the deficiencies".*

*"The system was not commissioned appropriately".*

*"The system should have been fully tested and made fully operational before commissioning".*

"Illi din hawn citata hija perizja ghal kollox ta' natura teknika u din il-Qorti thoss li ghaliha tapplika l-osservazzjoni li ghamlet din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet

“**Spiteri Tiles Ltd vs Raymond Borg”** (P.A. RCP 28 ta’ Frar 2002) fejn kif intqal li**:-**

*“Huwa sintomatiku ghalhekk li fid-dawl ta` dan kollu li jinghad li ghalkemm il-Qorti ma hiex tenuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha nnifisha, kif fil-fatt huwa dettat mill-***artikolu 681 tal-Kap 12***, jibqa’ jippersisti l-fatt li tali konkluzjoni peritali, specjalment fuq natura purament teknika, din il-Qorti ma tistax taghmlu b’mod legger jew kapriccuz. Il-konvinzjoni kontrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b’ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta’ aspett tekniku tal-materja taht ezami.”(“***Philip Grima vs Carmelo Mamo –** A.C 29 ta’ Mejju 1998;* ***Anthony Cauchi vs Carmel Mercieca** – A.C. 6 ta’ Ottubru 1999;* ***John Saliba vs Joseph Farugia** A.C. 28 ta’ Jannar 2000;* ***Sammy Tabone vs Carmel Tabone et** – A.C. 5 ta’ Ottubru 2001”.*

“Illi f’dan il-kaz jirrizulta car mill-istess rapport li s-sistema komputerizzata ta’ navigazzjoni kienet verament mhux tal-kwalita’ pattwita, tant li fl-istess konkluzjonijiet hawn citati jirrizulta li s-sistema ma kinitx konformi lanqas mal-*manual* taghha, u wkoll hemm aspetti minnha, elenkati mill-istess perit tekniku li jaghmlu t-thaddim taghha wiehed perikoluz. Taht dan l-aspett din il-Qorti thoss li gie ppruvat f’dan il-kaz li l-apparat kkonsenjat mis-socjeta’ attrici lill-konvenut ma kienx tal-kwalita’ pattwita, u fuq din il-linja wkoll irrelata l-perit legali tant li mar fuq l-kwistjoni jekk l-**artikolu 1390 tal-Kap. 16** japplikax, in vista anke tal-eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta ghall-kontro-talba tal-konvenut, fejn sostniet li llum il-konvenut ma jistax iqajjem din l-eccezzjoni peress li huwa accetta l-haga u ma rritornahiex lura.

“Illi izda l-Perit Legali cahad il-kontro-talba tal-konvenut ghaliex sostna li l-konvenut ippregudika l-posizzjoni tieghu peress li huwa zamm l-istess apparat, u ma ddepositahx il-Qorti, u huwa jsostni li l-parametri stretti fuq x’hiex hija mibnija l-azzjoni mhux tal-kwalita’ pattwita hija dik li l-

oggett ma jigix accettat mix-xerrej ghaliex ikun differenti minn dak miftiehem.

“Illi dwar dan l-istess espert legali jikkonkludi billi jghid, *“ghalkemm l-esponenti jifhem illi minghajr ma gie utillizat l-apparat wiehed ma setax ikun jaf jekk kienx skont il-kwalita’ miftehma, dan seta’ gie konstata mill-bidu nett u anki sa ftit xhur wara l-konsenja. Nonostante dan, il-konvenut naqas li jagixxi u agixxa biss wara li saritlu l-kawza ghall-hlas tal-bilanc u anki hemm b’nofs qalb ghax il-formalita’ tac-cedola ta’ depozitu saret minghajr id-depozitu effettiv tal-oggett mibjugh, liema depozitu seta’ jsir facilment bir-rimozzjoni tal-oggett in vendita mill-console tal-yacht fejn twahhal”.*

*“Fic-cirkostanzi ghalhekk ma tistax tintlaqa’ l-kontro talba tal-konvenut u ghandha tigi milqugha t-talba tal-attrici ghall-hlas tal-bilanc dovut €6,155.60”.*

“Illi fil-kuntest tal-azzjoni mhux tal-kwalita’ pattwita, li essenzjalment hija l-eccezzjoni tal-konvenut u l-bazi tal-kontra-talba tieghu ssir riferenza, anke fid-dawl ta’ dak li kkonstata l-perit legali, ghall-kawza fl-ismijiet **“L & D Attard Co Limited vs Eurometal Company Limited”** deciza fit-28 ta’ Jannar 2005 mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fejn gie ritenut illi:-

*“Dawn il-Qrati dejjem irritenew li biex ix-xerrej jehles mir-rabta kontrattwali li kien dahal fiha li jakkwista l-oggett minghand il-venditur, fejn dak l-oggett ma jkunx konformi mal-kampjun jew skont il-kwalita` mwieghda, hu kellu jirrifjutah jew materjalment jew billi jiddepozitah taht l-Awtorita` tal-Qorti (***Avv. Dottor Louis Cassar Pullicino nomine vs. Pauline Buhagiar nomine***, Appell Civili, 28 ta’ April 2000)”.*

*“Naturalment skont l-istess termini ta’ l-artikolu tal-ligi, huwa seta’ wkoll jaghzel li jaccettah u jhallas prezz anqas ghalih fuq stima ta’ perit.”*

“Illi kif qal ben tajjeb il-Perit Legali, din id-difiza li tista' titqajjem ukoll *per via di eccezzjoni* tinkwadra ruhha fid-

dispost ta' **l-artikolu 1390 tal-Kodici Civili.** Disposizzjoni din li turi b'mod specifiku kif kellu jagixxi l-kumpratur li ma jkunx sodisfatt bl-oggett li l-venditur jikkonsenjalu.

“Illi jigi rilevat hawn illi fuq l-interpretazzjoni ta' dan id-dispost tal-ligi s-sentenzi tal-Qrati taghna ma humiex ghal kollox konkordi u dan gie sottolinejat fis-sentenza **“Anthony Piscopo vs Charles Filetti”** (P.A. 16 ta’ Gunju 20003). Fil-fatt hemm sentenzi li affermaw li din l-azzjoni jew eccezzjoni ma tistax tigi sostenuta wara l-konsenja (**Vol. XVIII P III p 59; Vol. XX P I p 273** u **Vol. XXI P I p 399**). U hemm ohrajn li jghidu li din hi ammessa kemm jekk ix-xerrej ikun gja rcieva l-konsenja tal-haga kemm jekk le (**Vol. XXXIX p 250; Vol. XXXVIII P II p 688; Vol. XXVI P I p 193**).

“Illi fil-kawza **“Paul Galea f’ismu proprio u ghan-nom u in rapprezentanza tad-Ditta Galea Tiles vs Carmel Galea** (P.A. (PS) - 31 ta' Jannar, 2003), il-Qorti osservat li filwaqt li hemm sentenzi li l-hsieb taghhom huwa fis-sens li l-artikolu tal-ligi in ezami ma japplikax wara li l-konsenja tkun giet ricevuta, *“minn aspett iehor, riferibilment ghat-trasferiment tal- proprjeta u r-riskju ta' l-oggett mixtri, jinsab enuncjat illi "meta x-xerrej jirrifjuta l-oggett li jkun baghtlu l-venditur ghax l-oggett hu hazin u mhux adattat ghall-fini tax-xiri, kif hu dejjem prezunt li ghandu jkun l-oggett mibjugh u javza lill-venditur b'dan ir-rifjut, l-istat ta' fatt ikun daqs li kieku naqas ghal kollox l-oggett tal-bejgh, u kwindi ma hemmx trapass tal-proprjeta` jew tal-periculum rei perditae ("**Francesco Zammit -vs- Celest Spiteri**", Appell, Sede Inferjuri, 14 ta' Novembru 1953)”.*

“*Inoltre*, inghad fis-sentenza fl-ismijiet "**John Mary Dalli *nomine* -vs- Grezzju Patiniott**", Appell, 19 ta' Mejju 2000, *"din kienet difiza li l-kompratur seta' javvanza ukoll per via di eccezione jekk il-venditur jinterpellah biex ihallas il-prezz ta' l-oggett in vendita`. Mill-banda l-ohra jekk il-kompratur jaghzel li jzomm l-oggett lilu konsenjat u bl-ebda mod ma jirreagixxi skont kif trid il-ligi ghall-fatt li dak l-oggett ma jkunx skont il-kampjun jew tal-kwalita` pattwita, l-kompratur ikun qieghed jippregudika irremedjabilment il-posizzjoni tieghu"*.

“Illi f’dan il-kaz jirrizulta li s-sistema giet imwahhla mis-socjeta’ fuq il-*yacht* tal-konvenut, u jirrizulta li l-istess konvenut mill-ewwel oggezzjona fuq din is-sistema, tant li kien hemm diversi nkontri bejn iz-zewg partijiet, u jirrizulta car li l-istess konvenut kien ghamilha cara mas-socjeta’ attrici li ma kienx kuntent bis-sistema, tant li saru diversi tentattivi sabiex is-sistema tibda tiffunzjona kif miftiehem, tant li meta dan ma setax isir sahansitra kien inthalaq ftehim li s-socjeta’ attrici tiehu s-sistema lura, u dan il-ftehim ma sehhx peress li kien hemm bzonn li l-apparat jinqala mill-*console*, u s-socjeta’ attrici ma kinitx disposta li taqla` l-istess u tqieghed l-istess *console* fl-istat li kien qabel. Fil-fatt dan jirrizulta kkonfermat minn paragrafu 1.9 tan-nota ta’ osservazzjonijiet taghha. Jidher ukoll li saru wara proposti ohra li xorta wahda ma wasslux ghas-soluzzjoni mixtieqa.

“Illi fil-fatt minhabba dan id-disgwid, din il-Qorti thoss li l-konvenut ma setax jaqbad u jnehhi l-istess apparat huwa u jiddepositah il-Qorti, u dan ghaliex b’hekk facilment seta` jippregudika l-posizzjoni tieghu f’din il-kawza, u dan almenu sakemm isiru l-ezamijiet necessarji mill-perit tekniku fuq l-istess oggett, u dan anke in vista tat-talbiet kif maghmula u proposti fl-istess kontro-talba.

“Illi ma’ dan jinghad ukoll li f’dan il-kaz ma kienx possibbli ghall-konvenut li jirrifjuta l-apparat mill-ewwel u dan ghal diversi ragunijiet, inkluz li l-apparat gie installat f’zewg dati, ghaliex l-apparat tas-satellita gie nstallat f’Marzu/April 1999, mentri l-apparat l-iehor gie installat f’Lulju 1999. Minn tali dati jidher, anke mir-relazzjoni tal-perit legali u partikolarment fit-tielet paragrafu tar-raba’ pagna tal-istess relazzjoni legali (fol. 371), li kien hemm diversi intoppi fit-thaddim tal-istess sistema, u l-perit legali stess elenka t-tentattivi li saru mis-socjeta’ attrici sabiex tali sistema tkun tista’ tibda topera nkluz il-kompromessi li saru bi sforz sabiex l-istess sistema tithaddem kif pattwit, ghalkemm jidher li dan l-ghan ma ntlahaqx ghaliex l-istess apparat xorta wahda ma giex jopera kif suppost li kellu jaghmel. Dan illum huwa konstatat mill-perit tekniku b’mod mill-iktar inekwivoku.

"Illi fil-fatt jirrizulta mill-provi li tant kienu serji n-nuqqasijiet fl-istess sistema, li l-konvenut baqa' ma uzahiex, u dan anke wara li qabad *technician* huwa stess, u fil-fatt ghamel sentejn ma juzax l-istess sistema. Huwa ovvju li f'dan il-kaz sabiex wiehed jara jekk is-sistema kkonsenjata kinitx tajba jew le kien hemm bzonn li tithaddem ghall numru ta' sieghat ghall-certu perjodu, u fil-fatt jidher li hekk sar u dan anke a konoxxenza tas-socjeta' attrici, li mill-ewwel u dwar kollox kienet informata dwar il-problemi fl-istess sistema, whud mill-istess lanjanzi anke dovuti u inerenti fl-istess sistema. Ma' dan jizdied jinghad li l-perit legali ha konjizzjoni tal-fatt, certifikat mill-perit tekniku, li r-radar intuza biss ghal 42 siegha minn meta l-istess inxtrat fis-sena 2000, u it-*transmitting unit* operat ghal 26 siegha u fid-dawl ta' dan kollu hija l-fehma ta' din il-Qorti li mill-provi johrog li l-azzjoni tal-konvenut ma ppregudikatx irremedjabilment il-posizzjoni tieghu.

"Illi fil-fatt jirrizulta li kien hemm problemi bl-apparat mill-bidu nett u l-konvenut u s-socjeta' attrici ppruvaw jirrangaw is-sitwazzjoni sabiex l-apparat jilhaq l-i*standards* rikjesti mill-konvenut fil-kuntest ta' l-ftehim orginali mas-socjeta' attrici. Mill-provi u anki mir-rapport tal-perit tekniku, jidher li d-difetti u problemi kienu varji. Il-problemi dehru li setghu jissolvew permezz ta' apparat addizzjonali, *software* gdid *eccetra*.

"Illi f'dan il-kuntest hija opinjoni ta' din il-Qorti li dan ma kienx kaz fejn ix-xerrej seta' jaqbad u jirrifjuta l-prodott. Il-Qorti taqbel mal-konvenut meta jghid li biex l-oggett in kwistjoni ikun tal-kwalita' pattwita jfisser li jkun jiffunzjona skont specifikazzjonijiet teknici metikoluzi hafna beix jaqdi lil min ikun xtrah. Biex jigi determinat jekk l-apparat li l-konvenut kien xtara kien tal-kwalita' pattwita u in linja mal-*brochures* u l-*instructions* u *manuals* li gew mal-prodott, l-istess apparat kellu jigi installat u wzat mhux biss darba izda diversi drabi. Il-konkluzjonijiet tal-perit tekniku jikkonfermaw li l-apparat ma kienx ta' l-*istandard* previst u ghalhekk ma jistax jinghad, kif qieghed jimplika l-perit legali, li l-konvenut baqa' igawdi mill-apparat qisu ma gara xejn u ghalhekk ma kienx hemm rifjut ta' haga.

"Illi fuq kollox irid jinghad li l-bejgh sar f'Lulju u f'Awissu tas-sena 1999 u l-ittra ufficjali saret fil-14 ta' Frar 2000 mentri l-kawza infethet f'Mejju 2000 u cioe' it-trapass ta' zmien ma kienx daqstant kbir li jippregudika l-posizzjoni tal-konvenut. Il-konvenut, kif gja' intqal, seta' iqajjem l-**artikolu 1390** *per via di eccezione*, u konsegwentament, iddeposita l-oggett l-Qorti permezz ta' cedola ta' depositu, hekk kif kien tenut jaghmel. Ikkunsidrati l-fatti tal-kaz kien impossibli u irragjonevoli li l-oggett jigi depositat fisikament il-Qorti u dan anke in vista tat-talbiet tal-istess konvenut fil-kontro-talba tieghu. Kieku sar hekk ix-xoghol tal-perit tekniku kien ikun difficli u nkomplet u l-posizzjoni tal-konvenut kienet tkun pregudikata. Dan apparti li hareg car mill-provi li l-konvenut ma gawda xejn mill-apparat u r-rifjut tieghu kien apparenti, u dak li wasslu sabiex izomm il-posizzjoni tieghu, kien biss li huwa jzomm l-apparat kif kien installat mis-socjeta' attrici, u dan sabiex jigi mbaghad determinat mill-Qorti meta u kif l-istess ghandu jinqala' kemm il-darba l-lanjanzi tieghu jigu accettati.

"Illi ghalhekk il-Qorti f'dawn ic-cirkostanzi ma thossx li ghandha taddotta il-konkluzjoni tal-perit legali, u ghalhekk tichad it-talba attrici u tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ghar-ragunijiet esposti hawn fuq. Fl-istess kuntest l-ewwel erba' talbiet tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu qed jigu milqugha fis-sens hawn deciz, u tichad l-ahhar tliet talbiet tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu minhabba nuqqas ta' provi ulterjuri dwar l-istess."

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` attrici li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:
"… … … thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u filwaqt illi tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` appellanti attrici rikonvenzjonata, tichad it-talbiet kollha kontenuti fil-kontro-talba tal-appellat konvenut rikonvenzjonanti, tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut appellat u tilqa' t-talbiet kollha tas-socjeta` attrici appellanti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellat."

Rat ir-risposta tal-appell tal-konvenut li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li l-appell tas-socjeta` appellanti ghandu jigi michud u s-sentenza appellata tigi kkonfermata;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi f'din il-kawza s-socjeta` attrici qed titlob il-hlas tal-bilanc tal-prezz ta' apparat ta' navigazzjoni li bieghet u installat fuq il-yacht "ONIR" tal-konvenut. Il-konvenut issottometta li l-hlas mhux dovut peress illi l-apparat li akkwista ma kienx tal-kwalita` patwita; hu fil-fatt ressaq kontra-talba fejn talab ix-xoljiment tal-bejgh ghal din ir-raguni u li jithallas lura l-ispejjez u l-flus li nefaq fuq l-istess. Jirrizulta minn rapport li hejja l-espert tekniku nominat mill-ewwel Qorti li "the system has a considerable number of relatively serious deficiencies". Id-dibattitu quddiem l-ewwel Qorti kien dwar in-natura ta' dawn id-difetti (jekk iwasslux ghal nuqqas "ta' kwalita` patwita" fl-oggett, kif allega l-konvenut), u jekk il-konvenut setax iressaq dan l-ilment darba li hu zamm l-apparat ghandu.

L-ewwel Qorti sabet, f'kull kaz, favur il-konvenut wara li qieset illi l-apparat ma kienx ta' kwalita` tajba, tant li s-sistema ma kienetx konformi lanqas mal-manwal taghha, u kien hemm ukoll aspetti minnha li jaghmlu t-thaddim taghha wiehed perikoluz; l-ewwel Qorti qalet ukoll li, fid-dawl tac-cirkostanzi, il-konvenut ma kienx ippregudika l-posizzjoni tieghu meta zamm ghandu l-istess apparat.

Is-socjeta` attrici appellat mis-sentenza, u ressqet aggravju u argumenti li, skont hi, jimmilitaw kontra l-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti.

Trattat l-appell, din il-Qorti tirrileva li bhala fatt jirrizulta li l-apparat gie installat f'zewg fazijiet: l-apparat tas-satellita gie installat f'Marzu/April tal-1999, mentri l-apparat l-iehor gie installat f'Lulju tal-istess sena. Milli jidher, kien hemm

diversi intoppi fit-thaddim tal-apparat u saru diversi laqghat bi sforz li s-sistema tigi tithaddem b'mod li taghti rizultat ta' efficjenza. Is-socjeta` attrici kienet anke offriet li taqla' l-apparat il-gdid u tissostitwixxi ghalih b'iehor, pero` l-konvenut ma accettax peress li ma kienx possibbli li l-"console" tal-yacht tissewwa peress li din, f'certi bnadi, "had to be cropped to allow the fitting of the new system" (ara rapport tal-perit tekniku). Jibqa' l-fatt li l-konvenut zamm ghandu u baqa' juza l-apparat, avolja spordikament sa fejn kien possibbli, u ghalkemm baqa' jilmenta mas-socjeta` attrici fuq it-thaddim tal-apparat, kien biss gurnata qabel ma pprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet tieghu f'din il-kawza li biha formalment iddepozita l-apparat taht l-awtorita` tal-Qorti – inghad formalment, ghax l-apparat ma tqeghidx ghad-disposizzjoni tas-socjeta` attrici, izda thalla mqieghed fuq il-yacht.

L-eccezzjoni tal-konvenut u l-kontro-talba hija mibnija fuq dak li jipprovdi l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili li jghid li jekk l-oggett li l-bejjiegh igib ma jkunx tal-kwalita` miftehma, ix-xerrej ghandu l-jedd li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni jew li jilqa' l-haga bi prezz imnaqqas. F'dan il-kaz, il-konvenut qed jezercita l-ewwel rimedju u fil-kontro-talba tieghu qed jitlob li jithassar il-bejgh u jinghata d-danni. Biex tirnexxi din l-ghazla, irid ikun hawn "ir-rifjut" tal-oggett, u hemm gurisprudenza fis-sens li x-xerrej ma jistax jinvoka favur tieghu din id-disposizzjoni tal-Artikolu 1390 jekk ma jirrifjutax l-oggett u minflok jaghzel li jzommu minkejja l-oggezzjonijiet tieghu (ara, per ezempju, **Abela v. Cutajar**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Frar 1998, u **Schembri v. Abela**, deciza mill-istess Qorti fis-27 ta' Lulju, 2000). Il-pozizzjoni, pero`, mhux dejjem giet trattata b'dan l-istess mod oggettiv, u n-nuqqas ta' depozitu u z-zamma tal-oggett mhux dejjem wasslu inkondizzjonatament ghat-telf tad-dritt ghax-xerrej (ara per ezempju, **Camilleri v. Migneco**, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-9 ta' Ottubru, 1995, u **Debono v. Burmarrad Commercials Ltd.** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Jannar, 2010).

Ricentement, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Marina Aquasport Ltd. v. Eastern Star Ltd.**, deciza fil-31 ta' Mejju, 2012, ghamlet din l-osservazzjoni fir-rigward:
"*Illi problema li minn dejjem tqanqal f'dawn l-azzjonijiet u l-proponibbilta` tagħhom huwa dak dwar jekk il-ħaġa mixtrija kinitx konsenjata jew le. Jidher li din il-kwestjoni ġiet solvuta fis-sens li l-azzjoni taħt l-artikolu 1390 tista' tirnexxi u jista' jintalab it-tħassir tal-kuntratt, ukoll jekk tkun saret il-konsenja tal-ħaġa, dment li x-xerrej ma jkunx tilef tali dritt bil-fatt tiegħu stess (per eżempju, jekk ikun biegħ il-ħaġa jew ikun biddlilha n-natura tagħha) jew sakemm ma jkunx wera li qiegħed japprovaha. Jidher li l-użu tal-ħaġa u l-ilment mingħajr dewmien tax-xerrej lill-bejjiegħ dwar x'ġara waqt tali użu huwa wkoll miżmum bħala element siewi biex jgħin lil wieħed jiddetermina jekk l-azzjoni taħt il-kuntratt hijiex miftuħa lix-xerrej.*"

Hekk ukoll, din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza **Debono v. Uskin Ltd.**, deciza fit-28 ta' Marzu, 2008, ossevat a propozitu:
"*Ma hemmx dubbju illi l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili jqis bhala rilevanti l-kwalita` jew kwalitajiet li huma essenzjali ghall-uzu tal-haga jew li jifformaw l-oggett ta' xi impenn kontrattwali specifiku, u li, in mankanza, jintitolaw lix-xerrej li jagixxi ghar-rizoluzzjoni jew ghar-riduzzjoni tal-prezz. Huma dawn anke skont id-dottrina legali r-rimedji generali esperibbli mix-xerrej fil-kaz ta' inadempiment. Ara* ***Bianca "La Vendita e la Permuta"****, Unione Tipografica – Editrice Torinese, 1972, pac. 845 et sequitur). Min irid jagixxi b'xi wahda minn dawn mhux bilfors u dejjem irid jghaddi ghar-radd lura jew depozitu tal-oggett li hu jqis difformi ghaliex dawn ma humiex xi ingredjenti sine qua non ghall-esperibbilita` jew is-success tal-azzjoni. Il-kazijiet ivarjaw u huma dipendenti fuq ic-cirkostanzi specjali tal-kaz konkret. Dan hu hekk rikonoxxut anke mill-gurisprudenza taghna.*"

Din il-Qorti, fil-kawza **Dalli v. Patiniott**, deciza fid-19 ta' Mejju, 2000, kien osservat illi:
"… … … *jekk il-kompratur jaghzel li jzomm l-oggett lilu konsenjat <u>u bl-ebda mod ma jirreagixxi skont kif trid il-ligi ghall-fatt li dak l-oggett ma jkunx skont il-kampjun jew tal-</u>*

*kwalita` pattwita, il-kompratur ikun qieghed jippregudika irremedjabbilment il-pozizzjoni tieghu.*" (Sottolinear ta' din il-Qorti).

Isegwi mill-premess li z-zamma wahedha min-naha tax-xerrej tal-haga mixtrija m'hijiex ta' xkiel ghas-success tal-azzjoni taht l-Artikolu 1390. Hija z-zamma tal-oggett minghajr reklam ta' nuqqasijiet, jew minghajr impenn serju dirett lejn soluzzjoni li tista' twassal ghat-telfien tal-azzjoni kontemplata fl-Artikolu 1390. Irid jirrizulta li x-xerrej "*tilef dan id-dritt bil-fatt tieghu stess*", u dan jiddependi mic-cirkostanzi tal-kaz u mhux biss mill-fatt li x-xerrej zamm ghandu l-oggett in vendita.

F'dan il-kaz, din il-Qorti taqbel mal-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-ewwel Qorti li bl-agir tieghu l-konvenut ma ppregudikax il-kaz tieghu. Hu ilmenta mill-ewwel li l-apparat ma kienx qed jiffunzjona tajjeb u saru diversi inkontri fuq il-yacht biex din tigi rrangata, imma ghal xejn. Sahansitra kien jirrizulta diskrepanza bejn il-koordinazzjonijiet ta' fejn kienet id-dghajsa kif indikati fuq l-apparat, u meta dawn jitqieghdu fuq il-mappa, b'periklu car ghal min ikun qed jopera d-dghajsa. Testijiet baqghu jsiru b'mod regolari, izda ma setax jinstab tarf tal-problema. Is-socjeta` attrici offriet li tiehu lura l-apparat il-gdid, u tpoggi minfloku s-sistema tar-radar li kien qabel fuq il-yacht; kieku sar hekk, il-"console" tal-yacht, pero`, kien jibqa' jidher imqatta', u s-socjeta` attrici ma riedetx tidhol responsabbli ghal dan ukoll. Anke wara din il-proposta jidher li saru proposti ohra u saru tentattivi biex l-apparat, forsi b'xi kompromessi, kien jista' jahdem u jaghti xi forma ta' rizultat utili, izda kien kollox ghal xejn.

Il-konvenut ma kienx inattiv jew passiv in relazzjoni man-nuqqasijiet riskontrati, u qatt ma wera li kien qed japprova l-oggett mixtri. Ma jirrizultax, kif qalet din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza **Dataplot GmbH v. Fahmi**, deciza fis-17 ta' Ottubru 2008, li r-rimedju maghzul mill-konvenut gie "*mitluf jew paralizzat minn xi atteggjament jew kondotta tieghu.*" Dan mhux kaz fejn ix-xerrej "*riceve la merce e la tratiene senza riclamo*" (Kollez. Vol. XVIII. III. 59), izda hu kaz fejn il-konvenut xerrej ipprova fuq li pprova jirrimedja u

kien jaghmilha cara mal-venditur li hu ma kienx lest izomm l-oggett kif kien. Ma jirrizultax allura li hu tilef id-dritt tal-azzjoni.

Dwar in-natura tad-difetti din il-Qorti tara li, f'dan il-kaz, ma jirrizultax li l-apparat kien tajjeb ghall-iskop li ghalih inxtara imma difettuz, izda li hu ma kienx tal-kwalita` tajba ghall-uzu li ghalih hu destinat.

A propozitu l-Kodici Civili Taljan jikkontjeni disposizzjoni specifika fir-rigward (Art 1497) li giet hekk interpretata mill-Qorti ta' Kassazzjoni.

"*Si e` precisato in gurisprudenza che qualita` essenziali devono considerarsi quelli indispensabili per l'uso cui la cosa di un determinato tipo e` normalmente destinata (**C 83/4175**); della loro esistenza il venditore risponde anche se non siano state specificament dedotte in contratto. Qualita` promesse sono invece quelle atipiche, se inerenti ad un uso diverso da quello normalmente proprio della cosa venduta, oppure particolari, se inerenti ad un uso della cosa conforme alla sua destinazione, ma da farsi a determinate condizioni; della loro esistenza risponde solo ove siano state dedotte (anche implicitamente) in contratto*" *(**C 93/6240, C 78/5257**)*.

Dan il-bran huwa mehud mill-opera ta' **Cian u Trabucchi**: Commentario breve al Codice Civile, Sesta Edizione, 2002.

F'dan il-kaz, kif spjegat mill-espert tekniku, id-difetti jew nuqqasijiet li hemm fl-apparat huma ta' natura gravi u essenzjali, b'uhud minnhom inerenti ghas-sistema nfisha li, skont hu, ma gietx "commissioned appropriately".

Kif intqal minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kaz **Grech v. G.I. Trading Ltd.**, deciz fit-18 ta' Gunju, 2010
"*Premess dan, hu accettat illi meta l-bejgh ma jkunx skond dak imwieghed ossija l-oggett mixtri ma jkunx konformi ghall-ftehim appattwit jew ghax ukoll difformi ghall-kampjun, il-kompratur jista' jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt avolja jkun rceva l-oggett tal-bejgh. Dan huwa*

*hekk "in quanto che la cosa per cui consentiva risultò essere tutt'altra che quella dedotta in contratto ... una cosa diversa da quella che era contemplata nel contrattare, e per cioe` non si concederebbe una azione redibitoria ma quella di nullita`, avente per base la cosa pattuita nel consenso del compratore". ("Commerciante Michele Grima -vs- Negoziante Arturo von Kohen", Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Frar, 1884. Ara wkoll fejn si tratta ta' bejgh mhux konformi ghall-kampjun is-sentenza fl-ismijiet "Joseph Hanover nomine -vs- Giovanni Maria Debono", Appell Kummercjali, 11 ta' Ottubru, 1915);*"

F'dan il-kaz, l-apparat ma jservix l-iskop li ghalih inxtara u jista' wkoll ikun perikoluz, u mhux semplici kaz ta' htiega ta' software gdid. Il-kwalita` tal-oggett ma ghandhiex tirrizulta biss minn xi patt espress; jekk oggett ghandu certu uzu u jinxtara ghal dak l-uzu, il-fatt li l-oggett ma jwassalx ghar-rizultat mixtieq, u dan b'mod essenzjali, ifisser li l-oggett hu nieqes mill-kwalita` patwita ghax ikun qed jaghti rizultat differenti (b'mod sostanzjali) minn dak kontemplat fil-bejgh. Dan hu li gara f'dan il-kaz.

Fil-kuntest tal-ewwel aggravju tal-appellanti, ma jirrizultax li l-ewwel Qorti ma zammitx quddiem ghajnejha d-distinzjoni bejn l-azzjoni redibitorja u l-azzjoni istitwita marbuta mal-kwalita` tal-prodott. L-ewwel Qorti qalet b'mod car li qed tittratta l-kaz "fil-kuntest tal-azzjoni mhux tal-kwalita` pattwita", ghalkemm mhux eskluz li certi principji jew hsieb gurisprudenzjali relattivi ma' azzjoni jistghu jkunu wkoll applikabbli, mutatis mutandis, ghall-azzjoni l-ohra.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tas-socjeta` attrici billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, b'dan li t-termini ta' mija u ghoxrin (120) gurnata ffissati mill-ewwel Qorti jibdew jiddekorru millum.

L-ispejjez in prim istanza jithallsu kif stabbiliet l-ewwel Qorti, filwaqt li dawk marbuta ma' din it-tieni istanza jithallsu mis-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------